# SIR PAUL BOFFA

Forsi ftit huma dawk li jafu li fir-Raħal tagħna hawn midfun l-ex Prim Ministru u mexxej tal-Partit Laburista, it-Tabib Pawlu Boffa.




Boffa twieled l-Birgu nhar it-30 ta' Ġunju 1890. Studja fl-iskola Primarja tal-Gvern fil-Birgu u wara fil-Liceo. Fl-1913 fl-età ta' 23 sena iggradwa mill-Università ta' Malta u sar Tabib. Beda jaħdem fi Klinika privata ġewwa Raħal Ġdid fejn kien ukoll jagħmel xi opperazzjonijiet. It-Tabib Boffa kien ġej minn familja bi sfond proletarju. Huwa kien imrobbi fl-ambjent tan-nies tax-xogħol. Meta sar tabib, ħafna mill-klijenti tiegħu kienu ħaddiema tat-Tarzna. Kienet għalhekk naturali l-għażla tiegħu li meta ngħatajna l-Kostituzzjoni ta' l-Awtonomija fl-1921, huwa ngħaqad mal-Partit Laburista.

It-Tabib Pawlu Boffa kkontesta u gie elett fl-elezzjonijiet tal-1924, l-1927 u 1932. Fl-1928, meta l-Partit Laburista kien jagħmel parti mil-Gvern flimkien mal-Partit Kostituzzjonali (*Compact Government*), il-Kurunell Dundon, dak iż-żmien mexxej parlamentari tal-grupp Laburista, irriżenja minħabba saħħtu. Boffa nħatar Kap tal-Partit u mexxej fil-Parlament. Wara l-elezzjoni tal-1932 minħabba l-kwistjoni politico-reliġjuża tal-lingwa uffiċjali, huwa kien l-uniku membru parlamentari elett għal Partit Laburista. Meta f'Novembru tal-1933 l-Ingliżi rtiraw il-Kostituzzjoni huwa kien inħatar membru tal-Kunsill Eżekuttiv taħt it-tmexxija tal-Gvernatur.

Fi żmien it-tieni Gwerra dinjija huwa kien ingħata l-inkarigu ta' Kummissarju Distrettwali u Uffiċjal Mediku għall-prekawzjoni ta' l-attakki mill-ajru (ARP) fuq l-inħawi tal-Port il-Kbir u l-ajruport. Fost l-irħula taħt l-inkarigu tiegħu insibu wkoll Ħal Tarxien. Bħala rikonoxximent tal-qlubija u dedikazzjoni tiegħu matul il-gwerra huwa ngħata l-O.B.E. fl-1941.

Fl-elezzjoni tal-1947 it-tabib Pawlu Boffa mexxa l-Partit Laburista għall-akbar rebħa tiegħu tul iż-żmien. Huwa nħatar l-ewwel Prim Ministru Laburista fl-istorja politika ta' pajjiżna.

Iżda din il-kariga kella tkun waħda qasira minħabba li fl-1949 inqala l-inkwiet dwar il-*Marshall Aid* u l-finanzjament mill-Ingliżi għat-tiswija tal-ħsarat kaġun tal-Gwerra. Inkwiet li ġab qasma (*split*) fil-Partit Laburista. Boffa baqa' Prim Ministru sal-1950 meta waqqaf il-*Malta Workers Party*. Huwa reġa' ġie elett fil-Parlament fl-elezzjonijiet tal-1951 u tal-1953. F'dan iż-żmien kien ukoll Ministru tas-Saħħa fil-Gvern ta' koalizzjoni bejn il-*Malta Workers Party* u l-Partit Nazzjonalista.

It-Tabib Pawlu Boffa kien il-moħħ wara ħafna kisbiet li l-ħaddiem għadu jgawdi minnhom saħansitra llum. Fost dawn nista' nsemmi l-edukazzjoni obligatorja, l-vot wieħed għal kulħadd minn tmintax-il sena 'l fuq, l-ilsien Malti fil-Qrati tagħna, l-*Workmans' Compensation Act* u l-bini tal-Isptar San Luqa.

F'Jannar tal-1956 it-Tabib Boffa ingħata t-titlu ta'*Sir* Mir-Regina Eliżabetta II.

Bla dubju Pawlu Boffa jibqa' magħruf bħala statista kbir li għex u ħadem għall-ħaddiem Malti fi żminijiet mill-aktar diffiċli fl-istorja politika ta' pajjiżna. Huwa miet fis-6 ta' Lulju 1962 u ndifen fiċ-ċimiterju tal-Erwieħ f'Ħal Tarxien.

*Dan it-tagħrif huwa miġjub mill-ktieb fis-Sensiela Kotba Soċjalisti, Mexxejja Ħassieba u Deputati Laburisti 1920-2000 ta' Francis Galea*

---

(*Jaqbad ma' paġna 3*)

Ir-Raba' inizjattiva hija fil-qasam tal-kultura. Is-sena li għaddiet, fis- 7 ta' Settembru, il-Kunsill organizza l-ewwel ħarġa kulturali. F'din il-ħarġa kulturali, madwar għoxrin persuna mill-lokal ta' Ħal Tarxien, morna nżuru t-tliet festi li kienu qedgħin jiġu ċċelebrati fl-Isla, In-Naxxar u l-Mellieħa fl-okażżjoni tal-Vitorja. Għalkemm konna ftit nies, l-iskop ta' din il-ħarġa intlaħaq, għax il-persuni li ppartecipaw apprezaw xi ħaġa tipikament Maltija, ċ-ċelebrazzjoni ta' festa ġo raħal minn kull aspett. Din is-sena, il-Kunsill ser jorganizza ħarġiet kulturali oħrajn, fejn barra mill-iskop soċjali, il-persuni li jattendu jkollhom iċ-ċans li jduru u japprezzaw post ta' interess storiku w kulturali li jkun marbut ma' l-istorja ta' pajjiżna. Din is-sena, fl- 4 ta' April, ser immorru l-Birgu fejn fost affarijiet oħra ser nżuru l-Palazz ta' l-Inkwiżitur u postijiet oħra ta' interess.

F'dak li għandu x'jaqsam ma' sports, ser norganizzaw *league* tal-billiard bejn il-każini li hawn fir-raħal. Għal dan il-għan ser nibgħatu ittra lill-każini kollha tar-raħal. Meta jitlesta l-proġett tal-ground 5-a-side, hemm il-ħsieb li norganizzaw league 5-a-side.

Tajjeb li dan ir-raħal inkomplu nieħdu ħsiebu, mhux biss billi nżommu t-toroq u l-bankini fi stat tajjeb, imma billi dan ir-raħal inżommuh ħaj f'dak li għandu x'jaqsam ma' kultura u ma' inizjattivi biex il-komunità Tarxiniża tkompli tikber u ssaħħaħ dak li jagħmilha tassew komunità Maltija. Raħal ta' karattru bħal ma huwa Ħal Tarxien irridu nżommuh ħaj billi nżommu dik il-karatteristika li ġejja mill-antenati tagħna dejjem ħajja li tagħmilna tassew dak li aħna. Bħalma l-bniedem m'huwiex sabiħ mill-ġisem biss iżda wkoll mir-ruħ, hekk ukoll ir-raħal tagħna.
Dejjem tagħkom u għas-servizz tagħkom f'kull ħin